II

(Atti mhux leġiżlattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (UE) 2022/1529

tal-14 ta' Settembru 2022

li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 269/2014 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 269/2014 tas-17 ta' Marzu 2014 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 14(1) u (3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fis-17 ta' Marzu 2014, il-Kunsill adotta r-Regolament (UE) Nru 269/2014.

(2) Abbażi ta' rieżami mill-Kunsill, l-informazzjoni li tikkonċerna 548 individwu u żewġ entitajiet fl-Anness I għar-Regolament (UE) Nru 269/2014 jenħtieġ li tiġi emendata. Barra minn hekk, l-entrati li jirrigwardaw żewġ persuni u persuna deċeduta waħda, kif ukoll tmien entrati duplikati, jenħtieġ li jitħassru minn dak l-Anness I.

(3) Għaldaqstant, l-Anness I għar-Regolament (UE) Nru 269/2014 jenħtieġ li jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness I għar-Regolament (UE) Nru 269/2014 huwa emendat kif stabbilit fl-Anness għal dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-14 ta' Settembru 2022.

Għall-Kunsill
Il-President
M. BEK

([1]) ĠU L 78, 17.3.2014, p. 6.

ANNESS

Fl-Anness għad-Deċiżjoni 2014/145/PESK:

(1) l-entrati li jikkonċernaw il-persuni li ġejjin huma mħassra:

107. Vladimir Volfovich ZHIRINOVSKY (Владимир Вольфович ЖИРИНОВСКИ);

906. Olga AYZIMAN (Ольга АЙЗИМАН);

916. Saodat NARZIEVA (Саодат НАРЗИЕВА);

(2) l-entrati duplikati li ġejjin huma mħassra:

338. Alexey CHERNYAK (Алексей Юрьевич ЧЕРНЯК);

402. Leonid BABASHOV (Леонид Иванович БАБАШОВ);

418. Alexander BORODAI (Александр Юрьевич БОРОДАЙ);

521. Tatyana LOBACH (Татьяна Георгиевна ЛОБАЧ);

576. Alexander Mikhailovich BABAKOV (Александр Михайлович БАБАКОВ);

578. Vladimir Abdualiyevich VASILYEV (Владимир Абдуалиевич ВАСИЛЬЕВ);

827. Alexei Konstantinovich PUSHKOV (Алексей Константинович ПУШКОВ);

966. Vladislav Nikolaevich DEINEGO (Владислав Николаевич ДЕЙНЕГО);

(3) l-entrati li jikkonċernaw il-persuni u l-entitajiet elenkati hawn taħt huma sostitwiti bl-entrati li ġejjin:

Persuni

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
"3.	Rustam Ilmirovich TEMIRGALIEV (Рустам Ильмирович ТЕМИРГАЛИЕВ) Rustam Ilmyrovych TEMIRHALIIEV (Рустам Ільмирович ТЕМІРГАЛІЄВ)	Sess: raġel Data tat-twelid: 15.8.1976 Post tat-twelid: Ulan-Ude, Buryat ASSR,SFSR tar-Russja (issa l-Federazzjoni Russa)	Meta kien Viċi Prim Ministru tal-Krimea, Temirgaliev qeda rwol rilevanti fid-deċiżjonijiet meħuda mill-"Kunsill Suprem" rigward ir-'referendum' tas-16 ta' Marzu 2014 kontra l-integrità territorjali tal-Ukrajna. Huwa għamel pressjoni attiva favur l-integrazzjoni tal-Krimea fil-Federazzjoni Russa. Fil-11 ta' Ġunju 2014 huwa rriżenja mill-funzjoni tiegħu bħala "L-Ewwel Viċi Prim Ministru" tal-hekk imsejħa "Repubblika tal-Krimea". Eks Direttur Ġenerali tal-Kumpannija Maniġerjali tal-Fond ta' Investiment Russu-Ċiniż għall-Iżvilupp Reġjonali. Għadu attiv fl-appoġġ ta' azzjonijiet jew politiki separatisti.	17.3.2014
5.	Aleksei Mikhailovich CHALIY (Алексей Михайлович ЧАЛЫЙ) Oleksiy Mykhaylovych CHALYY (Олексій Михайлович ЧАЛИЙ)	Sess: raġel Data tat-twelid: 13.6.1961 Post tat-twelid: Moska, il-Federazzjoni Russa jew Sevastopol, l-Ukrajna	Chaliy sar "Sindku tal-Poplu ta' Sevastopol" b'nomina mill-poplu fit-23 ta' Frar 2014 u aċċetta dan il-"vot". Huwa mexxa kampanja b'mod attiv biex Sevastopol issir entità separata tal-Federazzjoni Russa b'segwitu għal referendum fis-16 ta' Marzu 2014. Kien wieħed mill-kofirmatarji tat-"trattat dwar l-adeżjoni tal-Krimea mal-Federazzjoni Russa" tat-18 ta' Marzu 2014. Huwa kien aġent "gvernatur" ta' Sevastopol mill-1 sal-14 ta' April 2014 u kien eks President "elett" tal-"Assemblea Leġiżlattiva" tal-Belt ta' Sevastopol. Eks membru tal-"Assemblea Leġiżlattiva" tal-Belt ta' Sevastopol (sa Settembru 2019). Għadu attiv fl-appoġġ ta' azzjonijiet jew politiki separatisti. Għall-involviment tiegħu fil-proċess tal-annessjoni ġie ppremjat bl-ordni tal-Istat Russu ta' "Mertu lejn il-Patrija" – l-ewwel grad. President tal-Fond ta' Karità għall-Iżvilupp Storiku u Kulturali tal-Belt "il-35 Batterja tal-Kosta". Maniġer ġenerali ta' Smart Electric Networks LLC (OOO "Разумные электрические сети").	17.3.2014

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
9.	Viktor Alekseevich OZEROV (Виктор Алексеевич Озеров)	Sess: raġel Data tat-twelid: 5.1.1958 Post tat-twelid: Abakan, Khakassia, il-Federazzjoni Russa	Eks President tal-Kumitat għas-Sigurtà u d-Difiża tal-Kunsill Federali tal-Federazzjoni Russa. Fl-1 ta' Marzu 2014, Ozerov, f'isem il-Kumitat għas-Sigurtà u d-Difiża tal-Kunsill Federali, appoġġa pubblikament, fil-Kunsill Federali, l-iskjerament tal-forzi Russi fl-Ukrajna. F'Lulju 2017, huwa ppreżenta r-riżenja tiegħu bħala President tal-Kumitat għas-Sigurtà u d-Difiża. Huwa baqa' membru tal-Kunsill u membru tal-Kumitat dwar ir-regolamentazzjoni interna u l-affarijiet parlamentari. Fl-10 ta' Ottubru 2017, permezz tad-digriet N 372-SF, Ozerov ġie inkluż fil-kummissjoni temporanja tal-Kunsill Federali dwar il-protezzjoni tas-sovranità tal-istat u għall-prevenzjoni tal-interferenza fl-affarijiet interni tal-Federazzjoni Russa. Il-mandat tiegħu fil-Kunsill Federali skada f'Settembru 2019. Konsulent tal-Fondazzjoni Rospolititika minn Ottubru 2019. Bħalissa, huwa Deputat Kap taċ-Ċentru Konsultattiv "Aġenzija tas-Soluzzjonijiet Tattiċi" fl-Akkademja Presidenzjali Russa tal-Ekonomija Nazzjonali u l-Amministrazzjoni Pubblika.	17.3.2014
50.	Vladimir Anatolievich SHAMANOV (Владимир Анатольевич ШАМАНОВ)	Sess: raġel Data tat-twelid: 15.2.1957 Post tat-twelid: Barnaul, il-Federazzjoni Russa	Eks Kmandant tat-Truppi tal-Ajru Russi, Kurunell-Ġenerali. Fil-pożizzjoni ta' awtorità għolja tiegħu, huwa responsabbli mill-iskjerament tal-qawwiet tal-ajru Russi fil-Krimea. Eks President tal-Kumitat ta' Difiża tad-Duma tal-Istat tal-Federazzjoni Russa. Viċi President tad-Duma tal-Istat, Kumitat għall-Iżvilupp tas-Soċjetà Ċivili.	12.5.2014
51.	Vladimir Nikolaevich PLIGIN (Владимир Николаевич ПЛИГИН)	Sess: raġel Data tat-twelid: 19.5.1960 Post tat-twelid: Ignatovo, Reġjun ta' Vologodsk, USSR (illum il-Federazzjoni Russa)	Eks membru tad-Duma tal-Istat u eks President tal-Kumitat tal-Liġi Kostituzzjonali tad-Duma. Responsabbli għall-faċilitazzjoni tal-adozzjoni ta' leġiżlazzjoni dwar l-annessjoni tal-Krimea u Sevastopol mal-Federazzjoni Russa. Eks Membru tal-Kunsill Suprem tal-partit Russja Magħquda. Konsulent għall-Ispeaker tad-Duma, Volodin. Attwalment riċerkatur ewlieni fl-Istitut tal-Istat u l-Liġi tal-Akkademja Russa tax-Xjenzi. Kopresident tal-Assoċjazzjoni Russa tal-Avukati.	12.5.2014

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
55.	Igor Nikolaevich BEZLER (magħruf ukoll bħala. Bes (devil)) (Игорь Николаевич БЕЗЛЕР) Ihor Mykolayovych BEZLER (Ігор Миколайович БЕЗЛЕР) magħruf ukoll bħala Igor Nikolaevich BEREGOVOY (Игорь Николаевич БЕРЕГОВОЙ)	Sess: raġel Data tat-twelid: 30.12.1965 Post tat-twelid: Simferopol, il-Krimea, l-Ukrajna	Wieħed mill-eks mexxejja tal-milizzja awtoproklamata ta' Horlivka. Ħa l-kontroll tal-bini tas-Servizz tas-Sigurtà tal-Uffiċċju tal-Ukrajna fil-gvern reġjonali f'Donetsk u wara ħataf l-istazzjon distrettwali tal-Ministeru għall-Affarijiet Interni fil-belt ta' Horlivka. Għandu rabtiet ma' Igor Strelkov/Girkin li taħt il-kmand tiegħu kien involut fil-qtil ta' Volodymyr Rybak, id-Deputat Popolari tal-Kunsill Muniċipali ta' Horlivka. Għadu attiv fl-appoġġ ta' azzjonijiet jew politiki separatisti. Huwa rritorna f'Berdyansk bi truppi Russi f'April 2022 u huwa involut fl-'iżgurar tal-ordni pubbliku' fir-reġjun.	12.5.2014
60.	Natalia Vladimirovna POKLONSKAYA (Наталья Владимировна ПОКЛОНСКАЯ)	Sess: mara Data tat-twelid: 18.3.1980 Post tat-twelid: Mikhailovka, reġjun ta' Voroshilovgrad, RSS Ukrena jew Yevpatoria, RSS Ukrena, (illum l-Ukrajna)	Eks membru tad-Duma tal-Istat, elett mir-Repubblika Awtonoma tal-Krimea li ġiet annessa illegalment. Eks Prosekutriċi tal-ħekk imsejħa 'Repubblika tal-Krimea'. Implimentat b'mod attiv l-annessjoni tal-Krimea mir-Russja. Eks Viċi President tal-Kumitat għall-Affarijiet Internazzjonali, membru tal-Kummissjoni dwar l-investigazzjoni tal-interferenza barranija fl-affarijiet interni tal-Federazzjoni Russa, membru tal-Kumitat għas-sigurtà u l-ġlieda kontra l-korruzzjoni tad-Duma tal-Istat tal-Federazzjoni Russa. Eks Ambaxxatur fil-korpi diplomatiċi tal-Federazzjoni Russa. Bħalissa hija l-Viċi Kap tal-Aġenzija Federali għall-Affarijiet tal-Commonwealth ta' Stati Indipendenti, għall-Kompatrijotti li Jgħixu Barra mill-Pajjiż , u l-Kooperazzjoni Umanitarja Internazzjonali (Rossotrudnichestvo). Hija ġiet ppremjata bl-ordni 'Għal-lealtà għad-dmir' mill-'awtoritajiet' tal-ħekk imsejħa 'Repubblika tal-Krimea' fl-2015.	12.5.2014

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
62.	Aleksandr Yurevich BORODAI (Александр Юрьевич БОРОДАЙ)	Sess: raġel Data tat-twelid: 25.7.1972 Post tat-twelid: Moscow, Federazzjoni Russa	Kien l-ħekk imsejjaħ eks "Prim Ministru tar-Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk", bħala tali responsabbli għall-attivitajiet "governattivi" separatisti tal-ħekk imsejjaħ "gvern tar-Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk" (eż. fit-8 ta' Lulju 2014 iddikjara li "l-militar tagħna qed iwettaq operazzjoni speċjali kontra l-"faxxisti' Ukreni"), firmatarju tal-Memorandum ta' Qbil dwar l-"unjoni ta' Novorossiya". Għadu attiv fl-appoġġ ta' azzjonijiet jew politiki separatisti; imexxi l-"Unjoni ta' voluntieri ta' Donbas". President tal-Bord tal-Għaqda ta' Voluntiera ta' Donbas. Involut b'mod attiv fir-reklutaġġ u t-taħriġ tal-"voluntiera" mibgħuta jiġġieldu f'Donbas. Membru tad-Duma tal-Istat minn Settembru 2021. F'Ottubru 2021 iddikjara li l-forzi separatisti fil-Lvant tal-Ukrajna huma "forzi Russi". Viċi President tal-Kumitat tad-Duma tal-Istat għall-Commonwealth ta' Stati Indipendenti, l-Integrazzjoni Ewro-Asjatika u r-Relazzjonijiet mal-Kompatrijotti. Huwa vvota favur ir-riżoluzzjoni Nru 58243-8 "Dwar l-appell tad-Duma tal-Istat tal-Assemblea Federali tal-Federazzjoni Russa Lill-President tal-Federazzjoni Russa V.V. Putin dwar il-ħtieġa li tiġi rikonoxxuta r-Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk u r-Repubblika tal-Poplu ta' Luhansk" u għalhekk appoġġa u implimenta azzjonijiet u politiki li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, u ddestabbilizzaw aktar lill-Ukrajna	12.7.2014
63.	Alexander KHODAKOVSKY Oleksandr Serhiyovych KHODAKOVSKYY (KHODAKOVSKYI) (Олександр Сергійович ХОДАКОВСЬКИЙ) Aleksandr Sergeevich KHODAKOVSKII (Александр Сергеевич ХОДАКОВСКИЙ)	Sess: raġel Data tat-twelid: 18.12.1972 Post tat-twelid: Donetsk, Ukraine	Dak li kien jissejjaħ eks "Ministru għas-Sigurtà tar-Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk" , bħala tali responsabbli għal attivitajiet ta' sigurtà separatisti tal-ħekk imsejjaħ "gvern tar-Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk". Għadu attiv fl-appoġġ ta' azzjonijiet jew politiki separatisti. Kmandant tal-battaljun "Vostok" tal-"Ministeru għall-Affarijiet Interni tal-ħekk imsejħa Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk" li qed jiġġieled f'Mariupol. Għalhekk, huwa responsabbli għal azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	12.7.2014

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
77.	Boris Vyacheslavovich GRYZLOV (Борис Вячеславович ГРЫЗЛОВ)	Sess: raġel Data tat-twelid: 15.12.1950 Post tat-twelid: Vladivostok, il-Federazzjoni Russa	Eks membru permanenti tal-Kunsill tas-Sigurtà tal-Federazzjoni Russa. Bħala membru tal-Kunsill tas-Sigurtà, li jipprovdi pariri dwar u jikkoordina l-affarijiet ta' sigurtà nazzjonali, huwa kien involut fit-tfassil tal-politika tal-Gvern Russu li thedded l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. Huwa għadu president tal-Kunsill Suprem tal-partit Russja Magħquda u rappreżentant plenipotenzjarju tal-Federazzjoni Russa fil-Grupp ta' Kuntatt dwar is-soluzzjoni tas-sitwazzjoni fl-Ukrajna. Il-President tal-Bord tad-Diretturi tal-intrapriża tal-Istat Tactical Missiles Corporation JSC. Huwa għandu l-pożizzjoni ta' Ambaxxatur fil-korpi diplomatiċi tal-Federazzjoni Russa.	25.7.2014
79.	Mikhail Vladimirovich DEGTYARYOV/DEGTYAREV (Михаил Владимирович ДЕГТЯРЁВ)	Sess: raġel Data tat-twelid: 10.7.1981 Post tat-twelid: Kuibyshev (Samara), il-Federazzjoni Russa	Eks Membru tad-Duma tal-Istat. Bħala membru tad-Duma huwa ħabbar l-inawgurazzjoni tal-"ambaxxata de facto" tal-ħekk imsejħa u mhux rikonoxxuta "Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk" f'Moska, u jikkontribwixxi għad-dgħajfien jew it-theddid tal-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. Eks President tal-Kumitat tad-Duma tal-Istat Russu dwar l-Edukazzjoni Fiżika, l-Isport u l-Affarijiet taż-Żgħażagħ. Mid-19 ta' Settembru 2021, Gvernatur ta' Khabarovsk Krai. Mis-6 ta' Frar 2021, Koordinatur tal-fergħa reġjonali tal-Partit Demokratiku Liberali tar-Russja,. Mill-15 ta' Novembru 2021, membru tal-Kunsill tal-Istat tal-Federazzjoni Russa permezz tad-Digriet tal-President Putin.	25.7.2014

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
82.	Pavel Yurievich GUBAREV (Павел Юрьевич ГУБАРЕВ) Pavlo Yuriyovich GUBARIEV (HUBARIEV) (Павло Юрійович ГУБАРЄВ)	Sess: raġel Data tat-twelid: 10.2.1983 (jew 10.3.1983) Post tat-twelid: Sievierodonetsk, Ukrajna	Wieħed minn dawk li jiddeskrivu lilhom infushom bħala mexxejja tal-ħekk imsejħa 'Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk'. Huwa talab l-intervent Russu fil-Lvant tal-Ukrajna, inkluż permezz tal-iskjerament ta' forzi taż-żamma tal-paċi Russi. Kien assoċjat ma' Igor Strelkov/Girkin li huwa responsabbli għal azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. Gubarev kien responsabbli għar-reklutaġġ ta' nies għall-forzi armati tas-separatisti. Responsabbli għat-teħid tal-bini tal-gvern reġjonali f'Donetsk b'forzi pro-Russi u pproklama lilu nnifsu bħala l-"gvernatur tal-poplu". Minkejja li ġie arrestat għat-theddid tal-integrità territorjali tal-Ukrajna, u sussegwentement inħeles, huwa kompla jaqdi rwol prominenti f'attivitajiet separatisti, u għaldaqstant dgħajjef l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. Skont id-dikjarazzjoni tiegħu stess, huwa ġġieled fil-Forzi Armati Russi qrib Kiev f'Marzu 2022.	25.7.2014
91.	Sergey Vadimovich ABISOV (Сергей Вадимович АБИСОВ) Sergiy (Serhiy) Vadymovych ABISOV (Сергій Вадимович АБІСОВ)	Sess: raġel Data tat-twelid: 27.11.1967 Post tat-twelid: Simferopol, il-Krimea, l-Ukrajna	Billi aċċetta l-ħatra tiegħu bħala l-ħekk imsejjaħ "Ministru għall-Intern tar-Repubblika tal-Krimea" mill-President tar-Russja (digriet Nru 301) fil-5 ta' Mejju 2014 u bl-azzjonijiet tiegħu bħala l-ħekk imsejjaħ "Ministru għall-Intern" huwa dgħajjef l-integrità territorjali, is-sovranità u l-unità tal-Ukrajna. Imneħħi bħala l-ħekk imsejjaħ "Ministru għall-Intern tar-Repubblika tal-Krimea" f'Ġunju 2018. Assistent għall-"President" tal-Kunsill tal-Ministri tal-ħekk imsejħa "Repubblika tal-Krimea". Huwa jkompli bħala assistent għall-ħekk imsejjaħ "Kap tar-Repubblika tal-Krimea".	30.7.2014

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
94.	Yuriy Valentinovich KOVALCHUK (Юрий Валентинович КОВАЛЬЧУК)	Sess: raġel Data tat-twelid: 25.7.1951 Post tat-twelid: Leningrad, USSR (issa San Pietruburgu, il-Federazzjoni Russa)	Is-Sur Shamalov ilu jaf lill-President Putin għal żmien twil. Huwa kofundatur tal-hekk imsejħa Ozero Dacha, soċjetà kooperattiva li tlaqqa' grupp influwenti ta' individwi madwar il-President Putin. Huwa qed jibbenefika mill-konnessjonijiet tiegħu ma' persuni Russi li jieħdu d-deċiżjonijiet. Huwa l-president u l-akbar azzjonist tal-Bank Rossiya, li fl-2013 kien jippossjedi madwar 38 % tiegħu, u li huwa kkunsidrat il-bank personali ta' uffiċjali għolja tal-Federazzjoni Russa. Wara l-annessjoni illegali tal-Krimea, il-Bank Rossiya fetaħ fergħat fil-Krimea kollha u f'Sevastopol, biex b'hekk ikkonsolida l-integrazzjoni tagħhom fil-Federazzjoni Russa. Permezz tal-Bank Rossiya, is-Sur Kovalchuk ħa wkoll il-kontroll tal-fabbriki tal-inbid, tad-dwieli u tad-distilleriji tal-Krimea. Barra minn dan, Bank Rossiya għandu interessi importanti fin-National Media Group li, min-naħa tiegħu, jikkontrolla l-istazzjonijiet televiżivi li jappoġġaw attivament il-politika tal-gvern Russu ta' destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna.	30.7.2014
105.	Mikhail Sergeyevich SHEREMET (Михаил Сергеевич ШЕРЕМЕТ) Mykhaylo Serhiyovych SHEREMET (Михайло Сергійович ШЕРЕМЕТ)	Sess: raġel Data tat-twelid: 23.5.1971 Post tat-twelid: Dzhankoy, l-Ukrajna	Membru tad-Duma tal-Istat, eletta mir-Repubblika Awtonoma tal-Krimea li ġiet annessa illegalment. Kien l-hekk imsejjaħ eks "L-Ewwel Viċi Prim Ministru" tal-Krimea. Sheremet qeda rwol ewlieni fl-organizzazzjoni u l-implimentazzjoni tar-referendum tas-16 ta' Marzu 2014 fil-Krimea dwar l-unifikazzjoni mar-Russja. Fi żmien ir-referendum, intqal li Sheremet ikkmanda lill-"forzi ta' awtodifiża" favur Moska fil-Krimea. Huwa b'hekk appoġġa azzjonijiet u politiki li jipperikolaw l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. Elett fit-18 ta' Settembru 2016 bħala deputat tad-Duma mill-Peniżola tal-Krimea annessa illegalment u fid-19 ta' Settembru 2021 bħala Membru tal-Istat Duma, elett mir-Repubblika Awtonoma tal-Krimea annessa illegalment. Membru tal-Kumitat tad-Duma tal-Istat dwar is-Sigurtà u l-Ġlieda Kontra l-Korruzzjoni.	12.9.2014

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
108.	Vladimir Abdualiyevich VASILYEV (Владимир Абдуалиевич ВАСИЛЬЕВ)	Sess: raġel Data tat-twelid: 11.8.1949 Post tat-twelid: Klin, Reġjun ta' Moska, Federazzjoni Russa	Eks Viċi Speaker tad-Duma tal-Istat. Fl-20 ta' Marzu 2014 ivvota favur l-abbozz tal-Liġi Kostituzzjonali Federali "dwar l-aċċettazzjoni fil-Federazzjoni Russa tar-'Repubblika tal-Krimea' u l-formazzjoni fi ħdan il-Federazzjoni Russa ta' suġġetti federali ġodda – ir-'Repubblika tal-Krimea' u l-Belt ta' Status Federali Sevastopol". Eks kap tar-Repubblika ta' Dagestan. Eks Konsulent tal-President tal-Federazzjoni Russa. Membru tad-Duma tal-Istat u mexxej tal-fazzjoni Russja Magħquda fid-Duma tal-Istat. F'dik il-kapaċità, ipparteċipa fir-rattifika tad-deċiżjonijiet tal-gvern dwar "it-Trattat ta' Ħbiberija, Kooperazzjoni u Assistenza Reċiproka bejn il-Federazzjoni Russa u r-Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk u bejn il-Federazzjoni Russa u r-Repubblika tal-Poplu ta' Luhansk". B'ħekk appoġġa b'mod attiv azzjonijiet u implimenta politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, u jiddestabbilizzaw aktar lill-Ukrajna.	12.9.2014
109.	Viktor Petrovich VODOLATSKY (Виктор Петрович ВОДОЛАЦКИЙ)	Sess: raġel Data tat-twelid: 19.8.1957 Post tat-twelid: Stefanidin Dar, reġjun ta' Rostov, Federazzjoni Russa	Eks President ("atman") tal-Unjoni tal-Forzi Kosakki Russi u Barranin. Membru tad-Duma tal-Istat. Eks Viċi President tal-Kumitat tad-Duma għall-Affarijiet tal-KSI, l-integrazzjoni Ewroasjatika u r-relazzjonijiet mal-kompatrijotti. Huwa appoġġa l-annessjoni tal-Krimea u ammetta li l-Kosakki Russi kellhom involviment attiv fil-konflitt Ukren fuq in-naħa tas-separatisti appoġġati minn Moska. Fl-20 ta' Marzu 2014 ivvota favur l-abbozz tal-Liġi Kostituzzjonali Federali "Dwar l-aċċettazzjoni fil-Federazzjoni Russa tar-'Repubblika tal-Krimea' u l-formazzjoni fi ħdan il-Federazzjoni Russa ta' suġġetti federali ġodda – ir-'Repubblika tal-Krimea' u l-Belt ta' Status Federali Sevastopol". Fi Frar 2022, sponsorja abbozz ta' riżoluzzjoni ppreżentat mill-partit politiku Russja Magħquda biex jappella lill-President tar-Russja dwar il-ħtieġa li jiġu rikonoxxuti r-Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk u r-Repubblika tal-Poplu ta' Luhansk. Huwa għalhekk jappoġġa azzjonijiet u politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	12.9.2014

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
119.	Alexander Mikhailovich BABAKOV (Александр Михайлович БАБАКОВ)	Sess: raġel Data tat-twelid: 8.2.1963 Post tat-twelid: Chisinau, RSS Moldovana (illum ir-Repubblika tal-Moldova)	Eks membru tal-Kunsill Federali tal-Federazzjoni Russa. Membru tal-Kumitat dwar l-Affarijiet Barranin. Huwa membru prominenti tal-partit politiku tar-"Russja Magħquda", ġie elett mill-ġdid fid-Duma tal-Istat f'Settembru 2021, u huwa negozjant b'investimenti kbar fl-Ukrajna u fil-Krimea. Fl-20 ta' Marzu 2014 ivvota favur l-abbozz tal-Liġi Kostituzzjonali Federali "dwar l-aċċettazzjoni fil-Federazzjoni Russa tar-'Repubblika tal-Krimea' u l-formazzjoni fi ħdan il-Federazzjoni Russa ta' suġġetti federali ġodda – ir-'Repubblika tal-Krimea' u l-Belt ta' Status Federali Sevastopol". Wara l-amalgamazzjoni tal-partiti politiċi – "Russja Ġusta", "Għall-Verità" u "Patrijotti tar-Russja", Babakov sar is-Segretarju tal-Presidju tal-Kunsill Ċentrali tal-entità amalgamata. Membru tad-Duma tal-Istat, membru tal-Kummissjonijiet dwar l-Enerġija, l-appoġġ għall-SMEs, l-Affarijiet tal-Commonwealth tal-Istati Indipendenti (CIS), l-integrazzjoni Ewro-Asjatika u l-appoġġ għall-kompatrijotti. Bħala Membru tad-Duma tal-Istat irratifika d-deċiżjonijiet tal-gvern dwar it-Trattat ta' Ħbiberija, Kooperazzjoni u Assistenza Reċiproka bejn il-Federazzjoni Russa u r-Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk u bejn il-Federazzjoni Russa u r-Repubblika tal-Poplu ta' Luhansk. B'hekk, appoġġa b'mod attiv azzjonijiet u implimenta politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, u jiddestabbilizzaw aktar lill-Ukrajna.	12.9.2014

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
121.	Oleg Konstantinovich AKIMOV (magħruf ukoll bħala Oleh AKIMOV) (Олег Константинович АКИМОВ) Oleh Kostiantynovych AKIMOV (Олег Костянтинович АКІМОВ)	Sess: raġel Data tat-twelid: 15.9.1981 Post tat-twelid: Luhansk, l-Ukrajna	Deputat tal-"Unjoni Ekonomika ta' Luhansk" fil-"Kunsill Nazzjonali" tar-"Repubblika tal-Poplu ta' Luhansk". Ħareġ bħala kandidat fl-hekk imsejħa "elezzjonijiet" tat-2 ta' Novembru 2014 għall-kariga tal-hekk imsejjaħ "Kap" tar-"Repubblika tal-Poplu ta' Luhansk". Dawk l-"elezzjonijiet" kienu ksur tal-liġi Ukrena u għaldaqstant illegali. Eks "Kap" tal-hekk imsejħa "Federazzjoni tat-Trade Unions". Membru tal-hekk imsejjaħ "Kunsill tal-Poplu" tar-"Repubblika tal-Poplu ta' Luhansk". President attwali tal-Bord tal-Organizzazzjoni Pubblika Interreġjonali "Unjoni tal-Komunitajiet ta' Lugansk", rappreżentant tal-Kumitat ta' Integrazzjoni "Russja-Donbas". Billi assuma u aġixxa f'din il-kapaċità, u billi pparteċipat formalment bħala kandidat fl-"elezzjonijiet" illegali, għaldaqstant huwa appoġġa b'mod attiv azzjonijiet u politiki li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, u li ddestabbilizzaw aktar lill-Ukrajna. President tal-Bord tal-Unjoni tal-Kompatrijotti. Jappoġġa b'mod attiv azzjonijiet jew politiki li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	29.11.2014
128.	Lesya Mikhaylovna LAPTEVA (Леся Михайловна ЛАПТЕВА) Lesya Mykhaylivna LAPTIEVA (Леся Михайлівна ЛАПТЄВА) Isem miżżewwġa: Lesya TARASYUK (Леся ТАРАСЮК)	Sess: mara Data tat-twelid: 11.3.1976 Post tat-twelid: Dzhambul/Jambul/Taraz (Każakstan)	L-eks "Ministru għall-Edukazzjoni, ix-Xjenza, il-Kultura u r-Reliġjon" tal-hekk imsejħa "Repubblika tal-Poplu ta' Luhansk". Billi assumiet u aġixxiet f'din il-kapaċità, hija għaldaqstant appoġġat b'mod attiv azzjonijiet u politiki li jipperikolaw l-integrità, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, u li ddestabbilizzaw aktar lill-Ukrajna. Taħdem għall-fond "Mir Detiam" f'Moska.	29.11.2014

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
132.	Vladyslav Mykolayovych DEYNEGO (magħruf ukoll bħala Vladislav Nikolayevich DEYNEGO) Vladislav Nikolaevich DEINEGO (Владислав Миколайович ДЕЙНЕГО) (Владислав Николаевич ДЕЙНЕГО)	Sess: raġel Data tat-twelid: 12.3.1964 Post tat-twelid: Romny, Reġjun ta' Sumy, l-Ukrajna Ромны, Сумская область, Украина jew possibilment ir-raħal ta' Gornyatskiy, id-distrett ta' Perevalsk, reġjun ta' Luhansk, l-Ukrajna	Eks "Viċi Kap" tal-"Kunsill tal-Poplu" tal-hekk imsejħa "Repubblika tal-Poplu ta' Luhansk". Billi assuma u aġixxa f'din il-kapaċità, huwa għaldaqstant appoġġa b'mod attiv azzjonijiet u politiki li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, u ddestabbilizza aktar lill-Ukrajna. Attwalment l-hekk imsejjaħ "Ministru għall-Affarijiet Barranin" tal-hekk imsejħa "Repubblika tal-Poplu ta' Luhansk". Billi assuma u aġixxa f'din il-kapaċità, huwa dgħajjef attivament l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	29.11.2014
144.	Viktor Vyacheslavovich YATSENKO (Виктор Вячеславович ЯЦЕНКО) Viktor Viacheslavovych YATSENKO (Віктор В'ячеславович ЯЦЕНКО)	Sess: raġel Data tat-twelid: 22.4.1985 Post tat-twelid: Kherson, l-Ukrajna	Kien l-hekk imsejjaħ "Ministru għall-Komunikazzjonijiet" tal-hekk imsejħa "Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk" (sa Ottubru 2019). Billi assuma u aġixxa f'din il-kapaċità, huwa għaldaqstant appoġġa b'mod attiv azzjonijiet u politiki li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, u ddestabbilizza aktar lill-Ukrajna. Membru tal-Kunsill Ċentrali tal-Partit "Russja Ġusta - Patrijotti - Għall-Verità".	16.2.2015
155.	Andrei Dmitrievich KOZENKO (Андрей Дмитриевич КОЗЕНКО)	Sess: raġel Data tat-twelid: 3.8.1981 Post tat-twelid: Simferopol, SSR tal-Ukrajna (issa l-Ukrajna)	Eks Membru tad-Duma tal-Istat, elett mir-Repubblika Awtonoma tal-Krimea li ġiet annessa illegalment. Eks Membru tal-Kumitat tad-Duma dwar is-Swieq Finanzjarji. F'Marzu 2014, Kozenko nħatar Viċi President tal-Kunsill tal-Istat tal-hekk imsejħa "Repubblika tal-Krimea". Ammetta pubblikament l-involviment tiegħu fil-ġrajjiet tal-2014 li wasslu għall-annessjoni illegali tal-Krimea u Sevastopol, li huwa ddefenda pubblikament, inkluż f'intervista ppubblikata fis-sit web gazetakrimea.ru fit-12 ta' Marzu 2016. Għall-involviment tiegħu fil-proċess ta' annessjoni ġie ppremjat b'midalja "Għad-difiża tar-'Repubblika tal-Krimea'" mill-"awtoritajiet" lokali. Bħalissa huwa l-koordinatur tal-Kumitat tal-Integrazzjoni "Russja-Donbass".	9.11.2016

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
156.	Svetlana Borisovna SAVCHENKO (Светлана Борисовна САВЧЕНКО)	Sess: mara Data tat-twelid: 24.6.1965 Post tat-twelid: Belogorsk, SSR tal-Ukrajna (issa l-Ukrajna)	Eks Membru tad-Duma tal-Istat, elett mir-Repubblika Awtonoma tal-Krimea li ġiet annessa illegalment. Eks Membru tal-Kumitat tad-Duma dwar il-Kultura. Kienet membru tal-Kunsill Suprem tar-Repubblika Awtonoma tal-Krimea sa mill-2012 u minn Marzu 2014 appoġġat l-integrazzjoni tal-Krimea u Sevastopol li ġew annessi illegalment fil-Federazzjoni Russa. F'Settembru 2014, Savchenko ġiet eletta fil-Kunsill tal-Istat tal-hekk imsejħa "Repubblika tal-Krimea". Hi ddefendiet l-annessjoni illegali tal-Krimea u Sevastopol f'għadd ta' okkażjonijiet fi stqarrijiet pubbliċi, fosthom intervisti ppubblikati fuq is-sit elettroniku c-pravda.ru fit-2 ta' April 2016 u l-20 ta' Awwissu 2016. Hija ġiet ippremjata bl-ordni tal-Istat Russu "Għal servizzi lill-art tat-twelid" – grad II fl-2014 u bl-ordni "Għal-lealtà għad-dmir" mill-"awtoritajiet" tar-"Repubblika tal-Krimea" fl-2015. Bħalissa hija konsulent tal-President tal-Kunsill tal-Istat tar-"Repubblika tal-Krimea".	9.11.2016
165.	Miroslav Aleksandrovich POGORELOV (Мирослав Александрович ПОГОРЕЛОВ) Myroslav Oleksandrovych POHORIELOV (Мирослав Олександрович ПОГОРЄЛОВ)	Sess: raġel Data tat-twelid: 7.6.1968 Post tat-twelid: Novorossiysk, il-Federazzjoni Russa	Eks Viċi President tal-Kummissjoni Elettorali ta' Sevastopol (sa Mejju 2019). F'din il-kapaċità huwa ħa sehem fl-organizzazzjoni tal-elezzjonijiet presidenzjali Russi tat-18 ta' Marzu 2018 fil-Krimea u Sevastopol, li ġew annessi illegalment, u b'hekk appoġġa b'mod attiv u implimenta politiki li jipperikolaw l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. Kap tad-dipartiment tal-politika interna tal-amministrazzjoni ta' Novorossiysk minn Marzu 2022.	14.5.2018
192.	Leonid Kronidovich RYZHENKIN (Леонид Кронидович РЫЖЕНЬКИН)	Sess: raġel Data tat-twelid: 10.11.1967 Post tat-twelid: Leningrad, USSR (issa San Pietruburgu, il-Federazzjoni Russa) Numru tal-Passaport: 722706177 (fl-2015)	Eks viċi Direttur Ġenerali għall-proġetti ta' infrastruttura fi Stroigazmontazh (SGM), li mill-2015 issorvelja l-kostruzzjoni tal-pont fuq l-Istrett ta' Kerch (inkluż il-parti ferrovjarja tal-pont) li jgħaqqad lir-Russja mal-peniżola tal-Krimea annessa illegalment. Għaldaqstant, jappoġġa l-konsolidazzjoni tal-peniżola tal-Krimea annessa illegalment mal-Federazzjoni Russa, li min-naħa tagħha tkompli ddgħajjef l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	1.10.2020

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
204.	Aleksei Yurievich CHERNIAK (magħruf ukoll bħala Alexey Yurievich CHERNYAK) (Алексей Юрьевич ЧЕРНЯК)	Sess: raġel Data tat-twelid: 27.8.1973 Post tat-twelid: Alma Ata eks SSR Kazakh, (issa l-Każakistan) Nazzjonalità: Russa	Membru tad-Duma tal-Istat tal-Federazzjoni Russa mid-19 ta' Settembru 2021. Elett mir-Repubblika Awtonoma tal-Krimea, annessa illegalment, mill-hekk imsejħa "kostitwenza ta' Simferopol". Membru tal-partit fil-gvern Russja Magħquda. Billi assuma din il-kapaċità u aġixxa fiha, ħadem għal aktar integrazzjoni tal-hekk imsejħa "Repubblika tal-Krimea" fil-Federazzjoni Russa. Barra minn hekk, ivvota favur ir-riżoluzzjoni Nru 58243-8 "Dwar l-appell tad-Duma tal-Istat tal-Assemblea Federali tal-Federazzjoni Russa lill-President tal-Federazzjoni Russa V.V.Putin dwar il-ħtieġa li jiġu rikonoxxuti r-Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk u r-Repubblika tal-Poplu ta' Luhansk". B'hekk huwa appoġġa b'mod attiv azzjonijiet u implimenta politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, u jiddestabbilizzaw aktar lill-Ukrajna.	21.2.2022
205.	Leonid Ivanovich BABASHOV (Леонид Иванович БАБАШОВ)	Sess: raġel Data tat-twelid: 31.1.1966 Post tat-twelid: Petrovka, Reġjun tal-Krimea, Repubblika Soċjalista Sovjetika tal-Ukrajna, (issa l-Ukrajna)	Membru tad-Duma tal-Istat tal-Federazzjoni Russa mid-19 ta' Settembru 2021. Elett mir-Repubblika Awtonoma tal-Krimea, annessa illegalment, mill-hekk imsejħa "kostitwenza ta' Yevpatoria". Membru tal-partit fil-gvern Russja Magħquda. Billi assuma din il-kapaċità u aġixxa fiha, huwa ħadem għal aktar integrazzjoni tal-hekk imsejħa "Repubblika tal-Krimea" fil-Federazzjoni Russa. Barra minn hekk, hija vvotat favur ir-riżoluzzjoni Nru 58243-8 "Dwar l-appell tad-Duma tal-Istat tal-Assemblea Federali tal-Federazzjoni Russa lill-President tal-Federazzjoni Russa V.V.Putin dwar il-ħtieġa li jiġu rikonoxxuti r-Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk u r-Repubblika tal-Poplu ta' Luhansk". B'hekk huwa appoġġa b'mod attiv azzjonijiet u implimenta politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, u jiddestabbilizzaw aktar lill-Ukrajna.	21.2.2022

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
206.	Tatiana Georgievna LOBACH (Татьяна Георгиевна ЛОБАЧ)	Sess: mara Data tat-twelid: 8.1.1974 Post tat-twelid: Khmelnytskyi, Repubblika Soċjalista Sovjetika tal-Ukrajna, (issa l-Ukrajna)	Membru tad-Duma tal-Istat tal-Federazzjoni Russa mid-19 ta' Settembru 2021. Eletta mill-Belt ta' Sevastopol, annessa illegalment, mill-hekk imsejħa "kostitwenza ta' Sevastopol". Membru tal-partit fil-gvern Russja Magħquda. Billi assumiet din il-kapaċità u aġixxiet fiha, ħadmet għal aktar integrazzjoni tal-Belt ta' Sevastopol annessa illegalment fil-Federazzjoni Russa. Barra minn hekk, ivvotat favur ir-riżoluzzjoni Nru 58243-8 "Dwar l-appell tad-Duma tal-Istat tal-Assemblea Federali tal-Federazzjoni Russa lill-President tal-Federazzjoni Russa V.V.Putin dwar il-ħtieġa li jiġu rikonoxxuti r-Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk u r-Repubblika tal-Poplu ta' Luhansk". B'hekk appoġġat b'mod attiv azzjonijiet u implimenta politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, u jiddestabbilizzaw aktar lill-Ukrajna.	21.2.2022
212.	Sergei Kuzhugetovich SHOIGU (Сергей Кужугетович Шойгу)	Data tat-twelid: 21.5.1955 Post tat-twelid: Chadan, ir-Repubblika ta' Tuva, il-Federazzjoni Russa Nazzjonalità: Russa Funzjoni: Ministru għad-Difiża tal-Federazzjoni Russa Sess: raġel	Sergei Shoigu huwa l-Ministru għad-Difiża tal-Federazzjoni Russa. Huwa għamel kummenti pubbliċi dwar il-fatt li l-Krimea hija u tibqa' Russa. Taħt il-kmand u l-ordnijiet tiegħu, it-truppi Russi kellhom eżerċizzji militari fil-Krimea annessa illegalment u ġew pożizzjonati fuq il-fruntiera. Fl-aħħar mill-aħħar huwa responsabbli għal kwalunkwe azzjoni militari kontra l-Ukrajna. Għalhekk huwa responsabbli għall-appoġġ u l-implimentazzjoni b'mod attiv ta' azzjonijiet u politiki li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, kif ukoll l-istabbiltà u s-sigurtà fl-Ukrajna.	23.2.2022
213.	Anton Eduardovich VAINO (Антон Эдуардович ВАЙНО)	Data tat-twelid: 17.2.1972 Post tat-twelid: Tallinn, l-Estonja Nazzjonalità: Russa Funzjoni: Kap tal-Persunal tal-Uffiċċju Eżekuttiv Presidenzjali Sess: raġel	Anton Vaino huwa l-Kap tal-Persunal tal-Uffiċċju Eżekuttiv Presidenzjali. Huwa għandu rwol attiv fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-Kremlin billi jieħu sehem fil-"Kunsill tas-Sigurtà" Russu u jinfluwenza l-elaborazzjoni ta' deċiżjonijiet mill-President fil-qasam tad-difiża u s-sigurtà nazzjonali tar-Russja. Anton Vaino jattendi wkoll laqgħat dwar l-iżvilupp soċjoekonomiku tal-Krimea u Sevastopol. Għalhekk huwa responsabbli għall-appoġġ u l-implimentazzjoni b'mod attiv ta' azzjonijiet u politiki li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna kif ukoll l-istabbiltà us-sigurtà fl-Ukrajna.	23.2.2022

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
214.	Marat Shakirzyanovich KHUSNULLIN (Марат Шакирзянович ХУСНУЛЛИН)	Data tat-twelid: 9.8.1966 Post tat-twelid: Chadan, ir-Repubblika tat-Tatarstan, il-Federazzjoni Russa Funzjoni: Viċi Prim Ministru tar-Russja għall-Kostruzzjoni u l-Iżvilupp Reġjonali Nazzjonalità: Russa Sess: raġel	Marat Khusnullin huwa l-Viċi Prim Ministru tar-Russja għall-Kostruzzjoni u l-Iżvilupp Reġjonali. F'din il-kapaċità, huwa responsabbli għall-politiki governattivi Russi dwar il-Krimea okkupata, inkluż il-forniment tal-ilma lill-Krimea u Sevastopol. Għalhekk, huwa responsabbli għal azzjonijiet u politiki li jdgħajfu jew jipperikolaw l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, kif ukoll l-istabbiltà u s-sigurtà fl-Ukrajna.	23.2.2022
218.	Vladimir Lvovich KASATONOV (Владимир Львович КАСАТОНОВ)	Data tat-twelid: 17.6.1952 Post tat-twelid: Moska, il-Federazzjoni Russa Entitajiet assoċjati: Ministeru għad-Difiża tar-Russja; Flotta Navali Russa Sess: raġel	Vladimir Kasatonov huwa l-Viċi Kap Kmandant tal-Forza Navali Russa. Għaldaqstant, huwa responsabbli għall-operazzjonijiet navali fl-Ukrajna jew lejha. Għalhekk huwa responsabbli għall-appoġġ u l-implimentazzjoni b'mod attiv ta' azzjonijiet u politiki li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, kif ukoll l-istabbiltà u s-sigurtà fl-Ukrajna.	23.2.2022
221.	Sergei SUROVIKIN (Сергей СУРОВИКИН)	Data tat-twelid: 11.10.1966 Post tat-twelid: Novosibirsk, il-Federazzjoni Russa Funzjoni: Kmandant Ġenerali tal-Armata tal-Forzi Ajruspazjali Grad: Ġeneral tal-Armata Entitajiet assoċjati: Forzi Ajruspazjali Russi – Ministeru għad-Difiża Nazzjonalità: Russa Sess: raġel	Il-Ġeneral tal-Armata Sergei Surovikin huwa l-Kap Kmandant tal-Forzi Ajruspazjali Russi mill-31 ta' Ottubru 2017. Għaldaqstant, huwa responsabbli għall-operazzjonijiet bl-ajru fl-Ukrajna jew lejha. Għalhekk huwa responsabbli għall-appoġġ u l-implimentazzjoni b'mod attiv ta' azzjonijiet u politiki li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, kif ukoll l-istabbiltà u s-sigurtà fl-Ukrajna.	23.2.2022

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
225.	Denis Aleksandrovich BORTNIKOV (Денис Александрович БОРТНИКОВ)	Data tat-twelid: 19.11.1974 Funzjoni: Viċi President u President tal-Bord ta' Tmexxija tal-Bank VTB Nazzjonalità: Russa Individwi assoċjati: Alexander Vasilyevich Bortnikov (missier); Tatiana Borisovna Bortnikova (omm) Entitajiet assoċjati: VTB Bank Sess: raġel	Denis Bortnikov huwa iben, u bħala tali huwa assoċjat ma', Alexander Bortnikov – Direttur tas-Servizz tas-Sigurtà Federali (FSB) u Membru Permanenti tal-Kunsill tas-Sigurtà tal-Federazzjoni Russa, li kien involut fit-tfassil tal-politika tal-Gvern Russu li thedded l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. Huwa l-viċi President u l-President tal-Bord ta' Tmexxija tal-Bank VTB, f'liema pożizzjoni jaħdem biex jilleġittimizza d-dħul parallel/illegali ta' missieru. Għaldaqstant qed jappoġġa wkoll finanzjarjament lil dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet fir-Russja li huma responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Lvant tal-Ukrajna.	23.2.2022
227.	Igor Ivanovich SHUVALOV (Игорь Иванович ШУВАЛОВ)	Data tat-twelid: 4.1.1967 Post tat-twelid: Bilibino, il-Federazzjoni Russa Sess: raġel	Igor Ivanovich Shuvalov huwa l-president tal-Korporazzjoni għall-Iżvilupp tal-Istat VEB.RF u membru tal-Kunsill tal-Kummissjoni Ekonomika Ewrasjatika. Preċedentement kien l-Ewwel Viċi Prim Ministru tar-Russja. F'din il-kapaċità huwa għamel stqarrijiet fejn iddikjara li r-Russja kienet ser tbiddel ir-regoli baġitarji biex jirriflettu popolazzjoni addizzjonali ta' żewġ miljun ruħ wara l-annessjoni illegali tal-Krimea mill-Federazzjoni Russa. B'hekk qed jappoġġa azzjonijiet u politika li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	23.2.2022

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
228.	Margarita Simonovna SIMONYAN (Маргарита Симоновна СИМОНЬЯН)	Data tat-twelid: 6.4.1980 Post tat-twelid: Krasnodar, USSR, (issa l-Federazzjoni Russa) Funzjoni: Kap editur tan-network televiżiv tal-aħbarijiet bl-Ingliż RT (Russia Today) Individwi assoċjati: Dmitry Konstantinovich Kiselyov Nazzjonalità: Russa Sess: mara	Margarita Simonyan hija figura ċentrali tal-propaganda tal-Gvern. Hija wkoll il-kap editur tan-network televiżiv tal-aħbarijiet bl-Ingliż RT (Russia Today). Permezz tal-funzjoni tagħha, hija ppromwoviet attitudni pożittiva lejn l-annessjoni tal-Krimea u l-azzjonijiet tas-separatisti f'Donbas. B'hekk, hija appoġġat azzjonijiet u politika li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	23.2.2022
229.	Maria Vladimirovna ZAKHAROVA (Мария Владимировна ЗАХАРОВА)	Data tat-twelid: 24.12.1975 Post tat-twelid: Moska, USSR (issa l-Federazzjoni Russa) Funzjoni: Direttur tad-Dipartiment tal-Informazzjoni u l-Istampa tal-Ministeru għall-Affarijiet Barranin tal-Federazzjoni Russa Nazzjonalità: Russa Sess: mara	Maria Zakharova hija d-Direttur tad-Dipartiment tal-Informazzjoni u l-Istampa tal-Ministeru għall-Affarijiet Barranin tal-Federazzjoni Russa. Bħala figura ċentrali tal-propaganda tal-gvern, hija ppromwoviet l-mobilizzazzjoni ta' forzi Russi fl-Ukrajna. B'hekk, hija appoġġat azzjonijiet u politika li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	23.2.2022

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
232.	Aleksey Konstantinovich PUSHKOV (Алексей Константинович ПУШКОВ)	Data tat-twelid: 10.8.1954 Post tat-twelid: Beijing, iċ-Ċina Nazzjonalità: Russa Telefown u fax: 8 (495) 697-58-69 Indirizz tal-uffiċċju ta' akkoljenza fil-Federazzjoni Russa: 51 Lenina St., Perm, 614000, room 219 Telefown u numri tal-fax tal-uffiċċju ta' akkoljenza fil-Federazzjoni Russa: (342) 253-66-01 Sess: raġel	Aleksey Konstantinovich Pushkov huwa Senatur minn Perm Krai, membru tal-partit politiku fil-gvern "Russja Magħquda" u President tal-Kummissjoni dwar il-Politika tal-Informazzjoni. Huwa għamel diversi stqarrijiet b'appoġġ għall-annessjoni tal-Peniżola tal-Krimea, u ppreżentaha bħala "fait accompli". Membru tal-Kunsill tal-Federazzjoni li rratifikat id-deċiżjonijiet tal-gvern dwar it-"Trattat ta' Ħbiberija, Kooperazzjoni u Assistenza Reċiproka bejn il-Federazzjoni Russa u r-Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk u bejn il-Federazzjoni Russa u r-Repubblika tal-Poplu ta' Luhansk". Għalhekk huwa responsabbli għall-appoġġ ta' azzjonijiet u politiki li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	23.2.2022
233.	Pyotr Olegovych TOLSTOY (a.k.a. Petr Olegovich TOLSTOY; Pyotr Olegovich TOLSTOY) (Пётр Олегович ТОЛСТОЙ)	Data tat-twelid: 20.6.1969 Post tat-twelid: Moska, USSR (issa l-Federazzjoni Russa) Funzjoni: Ġurnalist, produttur, preżentatur u politiku Russu; Viċi President tad-Duma tal-Istat mill-2016 u Viċi President tal-Assemblea Parlamentari tal-Kunsill tal-Ewropa mit-28 ta' Jannar 2020 Nazzjonalità: Russa Sess: maġel	Pyotr Tolstoy huwa Membru tad-Duma tal-Istat u kap tad-delegazzjoni Russa fl-Assemblea Parlamentari tal-Kunsill tal-Ewropa (PACE). Huwa wkoll il-preżentatur televiżiv ta' "Vremya Pokazhet". Figura ċentrali tal-propaganda tal-Gvern, huwa spiss jieħu pożizzjoni favur l-annessjoni tal-Krimea. B'hekk, huwa responsabbli għal appoġġ favur azzjonijiet u politika li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	23.2.2022

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
235.	Gennady Andreevich ZYUGANOV (Геннадий Андреевич ЗЮГАНОВ)	Data tat-twelid: 26.6.1944 Sess: raġel	Membru tad-Duma tal-Istat li vvotat favur ir-riżoluzzjoni Nru 58243-8 "Dwar l-appell tad-Duma tal-Istat tal-Assemblea Federali tal-Federazzjoni Russa 'Lill-President tal-Federazzjoni Russa V.V.Putin dwar il-ħtieġa li tiġi rikonoxxuta r-Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk u r-Repubblika tal-Poplu ta' Luhansk" u għalhekk appoġġa u implimenta azzjonijiet u politiki li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, u ddestabbilizzaw aktar lill-Ukrajna.	23.2.2022
236.	Yury Vyacheslavovich AFONIN (Юрий Вячеславович АФОНИН)	Data tat-twelid: 22.3.1977 Sess: raġel	Membru tad-Duma tal-Istat li vvotat favur ir-riżoluzzjoni Nru 58243-8 "Dwar l-appell tad-Duma tal-Istat tal-Assemblea Federali tal-Federazzjoni Russa Lill-President tal-Federazzjoni Russa V.V.Putin dwar il-ħtieġa li tiġi rikonoxxuta r-Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk u r-Repubblika tal-Poplu ta' Luhansk" u għalhekk appoġġa u implimenta azzjonijiet u politiki li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, u ddestabbilizzaw aktar lill-Ukrajna.	23.2.2022
237.	Vladimir Ivanovich KASHIN (Владимир Иванович КАШИН)	Data tat-twelid: 10.8.1948 Sess: raġel	Membru tad-Duma tal-Istat li vvotat favur ir-riżoluzzjoni Nru 58243-8 "Dwar l-appell tad-Duma tal-Istat tal-Assemblea Federali tal-Federazzjoni Russa Lill-President tal-Federazzjoni Russa V.V.Putin dwar il-ħtieġa li tiġi rikonoxxuta r-Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk u r-Repubblika tal-Poplu ta' Luhansk" u għalhekk appoġġa u implimenta azzjonijiet u politiki li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, u ddestabbilizzaw aktar lill-Ukrajna.	23.2.2022
238.	Dmitry Georgyevich NOVIKOV (Дмитрий Георгиевич НОВИКОВ)	Data tat-twelid: 12.9.1969 Sess: raġel	Membru tad-Duma tal-Istat li vvotat favur ir-riżoluzzjoni Nru 58243-8 "Dwar l-appell tad-Duma tal-Istat tal-Assemblea Federali tal-Federazzjoni Russa Lill-President tal-Federazzjoni Russa V.V.Putin dwar il-ħtieġa li tiġi rikonoxxuta r-Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk u r-Repubblika tal-Poplu ta' Luhansk" u għalhekk appoġġa u implimenta azzjonijiet u politiki li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, u ddestabbilizzaw aktar lill-Ukrajna.	23.2.2022

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
239.	Nikolai Mikhailovich KHARITONOV (Николай Михайлович ХАРИТОНОВ)	Data tat-twelid: 30.10.1948 Sess: raġel	Membru tad-Duma tal-Istat li vvotat favur ir-riżoluzzjoni Nru 58243-8 "Dwar l-appell tad-Duma tal-Istat tal-Assemblea Federali tal-Federazzjoni Russa Lill-President tal-Federazzjoni Russa V.V.Putin dwar il-ħtieġa li tiġi rikonoxxuta r-Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk u r-Repubblika tal-Poplu ta' Luhansk" u għalhekk appoġġa u implimenta azzjonijiet u politiki li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, u ddestabbilizzaw aktar lill-Ukrajna.	23.2.2022
240.	Nikolai Vasilevich KOLOMEYTSEV (Николай Васильевич КОЛОМЕЙЦЕВ)	Data tat-twelid: 1.9.1956 Sess: raġel	Membru tad-Duma tal-Istat li vvotat favur ir-riżoluzzjoni Nru 58243-8 "Dwar l-appell tad-Duma tal-Istat tal-Assemblea Federali tal-Federazzjoni Russa Lill-President tal-Federazzjoni Russa V.V.Putin dwar il-ħtieġa li tiġi rikonoxxuta r-Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk u r-Repubblika tal-Poplu ta' Luhansk" u għalhekk appoġġa u implimenta azzjonijiet u politiki li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, u ddestabbilizzaw aktar lill-Ukrajna.	23.2.2022
241.	Sergey Aleksandrovich SHARGUNOV (Сергей Александрович ШАРГУНОВ)	Data tat-twelid: 12.5.1980 Sess: raġel	Membru tad-Duma tal-Istat li vvotat favur ir-riżoluzzjoni Nru 58243-8 "Dwar l-appell tad-Duma tal-Istat tal-Assemblea Federali tal-Federazzjoni Russa Lill-President tal-Federazzjoni Russa V.V.Putin dwar il-ħtieġa li tiġi rikonoxxuta r-Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk u r-Repubblika tal-Poplu ta' Luhansk" u għalhekk appoġġa u implimenta azzjonijiet u politiki li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, u ddestabbilizzaw aktar lill-Ukrajna.	23.2.2022
242.	Vadim Valentinovich KUMIN (Вадим Валентинович КУМИН)	Data tat-twelid: 1.1.1973 Sess: raġel	Membru tad-Duma tal-Istat li vvotat favur ir-riżoluzzjoni Nru 58243-8 "Dwar l-appell tad-Duma tal-Istat tal-Assemblea Federali tal-Federazzjoni Russa Lill-President tal-Federazzjoni Russa V.V.Putin dwar il-ħtieġa li tiġi rikonoxxuta r-Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk u r-Repubblika tal-Poplu ta' Luhansk" u għalhekk appoġġa u implimenta azzjonijiet u politiki li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, u ddestabbilizzaw aktar lill-Ukrajna.	23.2.2022

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
243.	Yury Petrovich SINELSHCHIKOV (Юрий Петрович СИНЕЛЬЩИКОВ)	Data tat-twelid: 26.9.1947 Sess: raġel	Membru tad-Duma tal-Istat li vvotat favur ir-riżoluzzjoni Nru 58243-8 "Dwar l-appell tad-Duma tal-Istat tal-Assemblea Federali tal-Federazzjoni Russa Lill-President tal-Federazzjoni Russa V.V.Putin dwar il-ħtieġa li tiġi rikonoxxuta r-Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk u r-Repubblika tal-Poplu ta' Luhansk" u għalhekk appoġġa u implimenta azzjonijiet u politiki li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, u ddestabbilizzaw aktar lill-Ukrajna.	23.2.2022
244.	Kazbek Kutsukovich TAYSAYEV (Казбек Куцукович ТАЙСАЕВ)	Data tat-twelid: 12.2.1967 Sess: raġel	Membru tad-Duma tal-Istat li vvotat favur ir-riżoluzzjoni Nru 58243-8 "Dwar l-appell tad-Duma tal-Istat tal-Assemblea Federali tal-Federazzjoni Russa Lill-President tal-Federazzjoni Russa V.V.Putin dwar il-ħtieġa li tiġi rikonoxxuta r-Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk u r-Repubblika tal-Poplu ta' Luhansk" u għalhekk appoġġa u implimenta azzjonijiet u politiki li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, u ddestabbilizzaw aktar lill-Ukrajna.	23.2.2022
245.	Alexey Vladimirovich KURINNY (Алексей Владимирович КУРИННЫЙ)	Data tat-twelid: 18.1.1974 Sess: raġel	Membru tad-Duma tal-Istat li vvota favur ir-riżoluzzjoni Nru 58243-8 "Dwar l-appell tad-Duma tal-Istat tal-Assemblea Federali tal-Federazzjoni Russa Lill-President tal-Federazzjoni Russa V.V.Putin dwar il-ħtieġa li tiġi rikonoxxuta r-Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk u r-Repubblika tal-Poplu ta' Luhansk" u għalhekk appoġġa u implimenta azzjonijiet u politiki li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, u ddestabbilizzaw aktar lill-Ukrajna.	23.2.2022
246.	Anzhelika Egorovna GLAZKOVA (Анжелика Егоровна ГЛАЗКОВА)	Data tat-twelid: 28.12.1968 Sess: mara	Membru tad-Duma tal-Istat li vvotat favur ir-riżoluzzjoni Nru 58243-8 "Dwar l-appell tad-Duma tal-Istat tal-Assemblea Federali tal-Federazzjoni Russa Lill-President tal-Federazzjoni Russa V.V.Putin dwar il-ħtieġa li tiġi rikonoxxuta r-Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk u r-Repubblika tal-Poplu ta' Luhansk" u għalhekk appoġġat u implimentat azzjonijiet u politiki li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, u ddestabbilizzaw aktar lill-Ukrajna.	23.2.2022

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
